**TAL-PIETA`**

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 37

It-Tnejn, 23 ta' Mejju, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fit-3.30p.m.

Is-Sindku Zoya Attard ippresidiet.

**PREZENTI**

Kienu prezenti, is-Sindku Zoya Attard, il-Vici Sindku Anthony Camilleri u l-Kunsillieri Josef Fitzpatrick u Mark Pisani.

**TALBA**

Is-Sindku qalet it-talba.

**1. MINUTI**

***1.1*** Il-minuti tas-Seduta Nru. 36 li saret nhar it-Tnejn, 25 ta’ April, 2022, kienu approvati.

**2. QARI TAL-ITTRI TA’ APOLOGIJI**

***2.1*** Ma kienx hemm ittri ta’ apologiji.

**3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

***3.1*** ***Pjazza San Luqa***. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill kien ircieva l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Artijiet u ghalhekk issa seta’ jipprocedi ghal compliance mill-PA.

**4 QUARTERLY FINANCIAL REPORT (JAN-MAR 22)**

***4.1*** Tressaq quddiem il-Kunsill il-Quarterly Financial Report ghall-perjodu Jannar – Marzu 2022 (Appendici A). F’dan il-kwart, ghalkemm ma sar l-ebda infieq straordinarju, il-Kunsill qieghed jirregistra deficit ta’ €3,543. Dan jirrizulta mill-awment fil-prezz tas-servizz tal-gbir tal-iskart bil-kuntratt il-gdid. Madankollu in-net current asset position tal-Kunsill ghadha wahda pozittiva. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li aktar tard matul din is-sena, dan is-servizz ser jibda jinghata fuq bazi regjonali.

***4.2*** Is-Sindku, ssekondata mill-Vici Sindku ressqet mozzjoni sabiex jigi approvat dan ir-rapport. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**5 SKULTURA FIL-PROGETT TAR-REFURBISHMENT TAL-BANDLI**

***5.1*** Tressqet quddiem il-Kunsill, il-mozzjoni Nru. VIII/37-1 (Appendici B) mressqa mill-Kunsillier Mark Pisani dwar il-possibilta` li titpogga skultura fil-progett tar-refurbishment tal-bandli.

***5.2*** Wara li l-Kunsillier Pisani spjega l-mozzjoni, kien hemm qbil unanimu dwarha, diment li jingiebu fondi ghal dan il-ghan – *Rizoluzzjoni nru VIII/37-1.*

**6 KORRISPONDENZA**

***6.1*** Tressaq quddiem il-Kunsill, l-invit mill-Kappillan ghall-quddiesa tal-Festa.

## 7 MISTOQSIJIET

*7.1* Il-Kunsillier Fitzpatrick qal li l-ghassa tal-Pulizija ta' Tal-Pieta` qed tkun dejjem maghluqa. Anki l-avvizi tal-Qorti qeghdin jitwahhlu mal-bieb ta' barra. Is-Sindku wiegbet li qeghdha titkellem biex l-Ghassa tkun miftuha aktar. Huwa semma wkoll il-problema tal-faqar li qed jara li dejjem aktar qed tizdied anki fil-lokalita`.

*7.2* Il-Kunsillier Pisani gibed l-attenzjoni dwar xi manutenzjoni li hemm bzonn isir fil-bandli. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li wara s-Sajf jibda l-progett ta' refurbishment tal-bandli u ma jkunx ghaqli li jsiru spejjez eccessivi bhalissa. Madankollu jekk hemm xi periklu jitnehha u xi manutenzjoni hafifa tista' ssir mill-haddiema tal-Kunsill.

## 8 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

*8.1* Is-Segretarju Ezekuttiv rega' informa lill-Kunsill dwar il-waqfien tas-servizz ta' manutenzjoni tal-gonna mill-ELC mal-Kunsilli Lokali. Temporanjament, qieghed isir tisqija u xoghol iehor relatat, kif ukoll tindif ta' dawn il-gonna bl-istess budget li l-Kunsill kellu mal-ELC sabiex ma jkunx hemm awment fl-ispiza. Kien hemm qbil dwar dan.

*8.2* Is-Segretarju Ezekuttiv informa wkoll li kien qieghed jitkellem ma' Infrastructure Malta sabiex jilhaq jigi konkluz ix-xoghol u jinghata t-tarmac fi Triq Telghet Gwardamanga minhabba l-festa tal-lokal.

## 9 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

*9.1* Is-Sindku, ssekondata mill-Vici Sindku, ressqet mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 34. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## 10. TMIEM

*10.1* Fl-4.15pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 27 ta' Gunju, 2022, fit-3.30pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Zoya Attard
Sindku